Kunsill Lokali –ISLA– Local Council

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali ISLA

## L-Għaxar LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 02

**24 ta' Lulju 2024**

Il-Kunsilli Lokali L-Isla ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 2/4, Triq San Ġużepp L-Isla, ISL1229, nhar L-Erbgħa 24 ta' Lulju 2024 fil-4:30 pm.

**PREŻENTI:**

Clive Pulis - Sindku
Anthony Bonavia - Viċi Sindku
Joeline Attard - Kunsillier
Malcolm Gatt - Kunsillier
Corinne Buhagiar - Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOĠIJA ( Skont Ordni Permanenti 14A (3) ):**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Graziella Gellel –Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Clive Pulis ippresjeda din is-seduta Nru 02 għal-għaxar leġislatura

| | |
|---|---|
| **02.1** | **Qari ta' l-ittri ta' apologiji** |
| **02.01.01** | Ma kienx hemm. |
| **02.02** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti** |
| 02.02.01 | Kopja tal-Minuti tas-seduta numru 01, intbgħatu lill-kunsilliera permezz ta' imejl u ġew approvati mill-kunsilliera is-Sinj Corinne Buhagiar u ġew issekondati mill-viċi sindku s-Sur Anthony Bonavia. |
| **02.03** | **Kommunikazzjoni mis-Sindku** |
| 02.03.01 | Is-Sindku ikkomunika mal-Kunsilliera preżenti dwar ittra li rċieva mil-Arċipriet tal-Isla fejn awgura lil kunsilliera eletti kollha sabiex ikomplu l-ħidma għal-lokalita' tal-Isla. |
| 02.03.02 | Is-Sindku ikkomunika mal-Kunsilliera preżenti dwar il-kollaborazzjoni tal-kunsill mal-għaqdiet kollha. L-arċipriet Fr. Robin qed jitlob il-kollaborazzjoni tal-kunsill sabiex jinħareġ il-ktieb tal-festa fejn il-kunsill jikollabora u jħallas 300 ewro għal-ktieb tal-festa.<br><br>Is-Segretarju Is-Sur Chris Cousin mill-Kummissjoni Festa Esterni qed titlob li l-kunsill lokali tal-Isla jikkolabora sabiex il-kunsill iħallas parti finanzjarja għall-ispejjeż tal-festa ta' Marija Bambina. Is-Sur Chris Cousin bagħat imejl datata 18 ta' Ġunju sabiex il-kunsill jiżbor is-siġar tal-Pjazza Benedittu XV. Il-kunsill meta bagħat għall-kwotazzjonijiet speċifika li min ser jikwota għal-dan iż-żbir irrid ikollu l-permessi tal-Era. Is-Sindku informa l-kunsilliera li l-kunsill qed jikollabora diġa permezz ta' tiżbir ta' siġar li jammonta għal-2749 ewro wara li inġabru l-kwotazzjonijiet meħtieġa.<br><br>Is-Sindku informa lil kunsilliera dwar imejl datata 24 ta' Ġunju 2024 sabiex il-Grupp tan-Nar Marija Bambina jorganizzaw Pasta Night fis-26 ta' Luljuj fis-7pm. Kif ukoll is-Sur Ryan Muscat bagħat imejl fis-16 ta' Ġunju 2024 sabiex fid-9 t' Awissu 2024 ser jorganiżżaw BBQ fil-Gardjola. Il-Kunsilliera preżenti qbalu unanimament.<br><br>Is-Sur Ivan Zammit l-assistent segretarju tal-għaqda tal-C.Z.H.U bagħat imejl datata 9 ta' Lulju sabiex il-kunsill tal-Isla jikollabora mal-għaqda għal-xiri ta' premjijiet. Il-Kunsilliera preżenti qablu |

| | |
|---|---|
| | unanimanent li l-kunsill tal-Isla għandu jikkolabora ma din l-għaqda sabiex iħallas l-ammont ta' 250 ewro għall-premjijiet ta' din l-attivita.<br><br>Is-segretarju tal-kazin tal-Banda La Vincitrice is-Sur Rodney Muscat bagħat imejl datata 22 ta' Lulju 2024 sabiex il-Kunsill tal-Isla jikollabora mal-każin u jagħmel l-avviż ta' Awgurju għal-festa t-tajba lis-Sengleani kollha fil-ktieb tal-każin tal-banda għall-prezz ta' 500 ewro. Il-Kunsilliera unanimamet qablu li jikollaboraw u l-kunsill iħallas l-ammont ta' 250 ewro bħal l-għaqdiet l-oħra. |
| 02.03.03 | Is-Sindku ikkomunika mal-kunsilliera preżenti dwar l-invit mill-Awla kapitulari ta' San Lawrenz għall-Ponifikal Solenni ppresjedut mill-E.T. Mons. Arċisqof J. Scicluna il-Ħamis 8 t' Awissu 2024 fis-6:30pm u għall-quddiesa Pontifikali Solenni is-Sibt fl-10 t' Awissu 2024 fid-9.30am. |
| 02.03.04 | Is-Sindku informa lil kunsilliera li kien preżenti għall-konfernza Nazzjonali dwar l-istat tan-Nazzjon il-Ħamis 20 ta' Ġunju 2024 fid-8.45 fil-Palazz Verdala. |
| 02.03.05 | Is-Sindku ikkomunika mal-Kunsilliera preżenti dwar tieġ li kien ser jiġi iċċelebrat fuq il-Forti San Mikiel f' Novembru iżda dan ġie ikkanċellat. |
| 02.03.06 | Is-Sindku ikkomunika mal-kunsilliera li rċieva imejl datata 24 ta' Lulju 2024 minn għand il-presidenta tar-regatta s-Sur Omar Vella sabiex fl-24 t' Awissu 2024s issir attivita tar-Regatta fill-parkeġġ ta' fejn il-grawnd. Il-Kunsilliera preżenti qablu ma din l-attivita |
| 02.03.07 | Is-Sindku ikkomunika mal-kunsilliera dwar l-Berġa tal-klinika fil-lokalita' tal-Isla. Is-Sinkdu irċieva imejl datata 27 ta' Ġunju 2024 minn għand is-Sur Joe Etienne Abela, fejn hemm cc l-Onor. Alison Zerafa Civelli fejn qed jgħid li għalkemm qed ikun hemm talba mir-residenti Sengleani speċjalment mill-anzjani din it-talba biex il-Berġa terġa tiġi miftuħa u utiliżata ma tistax iseħħ għaliex kif inhuma l-bżonijiet drastiċi ta' staff li hemm bżonn Mater Dei u daqt fiċ-Ċentru Ċensu Moran, bħalissa hija ċertezza matekmatika li ma jistgħux jgħinu f'dan ir-rigward. |
| 02.03.08 | Is-Sindku ressaq imejl datata 13 ta' Lulju 2024 stedina mill-arċipriet għall-quddiesa u esebizzjoni ad unur is-Sengleana l-Isqof Emmanuel Galea li hemm il-proċess ta' Beatifikazzjoni tieghu nhar l-Erbgħa 21 t' Awissu 2024 fil-Bazilika fis-6.00pm. Min ser jattendi javża lil arċipriet direttament minħabba risserva tal-postijiet. |
| 02.03.09 | Is-Sindku ikkomunika mal-kunsilliera preżenti li kien mistieden flimkien mas-sinkdu tal-Belt Valletta għal-laqgħa tal-launching ta' |

| | |
|---|---|
| | Onshore Power Supply - MSC World Europa. Il-Vapuri kollha tal-MSC huma attrezzati sabiex jieħdu d-dawl mill- *off to ship*. |
| 02.03.10 | Is-Sindku ressaq imejl mibgħuta mis-Sur Rennie Schembri dwar wire tad-dawl fi Triq il-Miġja tal-Papa li għaddej minn naħa għal-oħra sabiex issir fuq żewġ arbli biex ikun jista jsir pavaljun għal-festa. Din l-imejl u t-talba ġiet mgħodija lil Arms. |
| 02.03.11 | Is-Sindku ressaq imejl datata 24 ta' Lulju minn għand l-arċipriet Fr. Robin dwar kollaborazzjoni ta' pubblikazzjoni ta' ktieb Hard Back u printing ta' livell fuq l-istorja sabiħa ta' Beltna. L-awtur tal-ktieb huwa Vincent Zammit li huwa kwalifikat u li għandu esperjenza kbira fejn tidħol pubblikazzjoni bħal din. Il-pubblikazzjoni għandha tkun ta mhux aktar minn 500 kopja bl-Ingliz. Il-prezz ta' dan il-ktieb jiġi jinbiegħ għall-prezz ta' 75 ewro. Il-Kunsilliera iddiskutew sabiex jitolbu fondi għal dan il-ktieb mill-fondi tal-kultura, fondazzjoni tal-kottonera u r-Reġjun Port sabiex ikunu ta' għajnuna finanzjaraja ta' 22,000 ewro għall-dan il-ktieb. Il-kunsilliera preżenti qablu ma dan il-ktieb ta' storja għall-Belt tal-Isla u li għandhom jiddiskutu aktar fit-tul mal-arċipriet. |
| 02.03.11 | Is-Sindku ressaq imejl datata 12 ta' Lulju 2024 minn għand Laura Marie Mercieca Rights Children's Council Coordinator dwar first Children's council meeting datati 17, 18, 19 ta' Settembru 2024 mill-4:30pm sas-6pm online fuq:<br><br>https://www.facebook.com/share/p/hSuonftwZHmvDPv7?mibextid=WC7FNe<br><br>https://www.facebook.com/share/p/1sc7Kdh9YQP4DBBA/?mibextid=WC7FNe |
| 02.03.12 | Is-Sindku ressaq imejl datata 17 ta' Lulju 2024 minn għand il-kap tal-iskola primarja fejn awgurat lil kunsilliera kollha għall-ħidma għal din il-leġislatura l-ġdida. |
| 02.03.13 | Is-Sindku ikkomunika mal-kunsilliera preżenti dwar shelter li hawn ġewwa l-lokalita' tal-Isla u ġab personalment mappa ta' fejn hemm indikat li hemm dawn ix-xelters. Is-Sindku iltaqa' mas-sur Neil Gatt Attard biex jekk il-kunsill jideċidi li jiftaħ dawn ix-xelters hawn apparat li jista jinxtara sabiex jindika kemm hemm gassijiet f'dawn ix-xelters sabiex ikunu assigurati rigward saħħa u sigurta ta' min jinżel f'dawn ix-xelters. Dan l-appart jiswa madwar 3000 ewro għalhekk kjista jinxtara mir-Reġjun Port u jintuza mill-lokalitajiet kollha tar-Regjun |

| | |
|---|---|
| | Port. Is-Sur Gatt Attard qed jitlob l-approvazzjoni tal-kunsill sabiex jidħol u inaddaf dawn ix-xelters volontarjament. |
| 02.03.14 | Is-Sindku informa lil kunsilliera li l-kunsill kien applika sabiex issir lift fi Triq l-arkati għal Triq is-Sirena iżda l-Lands ma kienx ta l-permess lil kunsill għaliex l-art hija tal-privat għalhekk is-sindku qed jistaqsi lil kunsilliera jekk il-kunsill għandux jistaqsi lid-dipartiment għall-gvern lokali sabiex issir applikazzjoni ta expropriation għal-din l-art biex tkun tal-gvern. Il-Kunsilliera preżenti qablu ma dan. |
| 02.03.15 | Is-Sindku irċieva imejl minn Cassino sabiex jinvita lis-sindku għaliex ser jinnominaw lis-Sa. Charmaine Gerada sabiex tirċievi premju għall- Cassino City For Peace fit-13 ta' Settembru. Is-Sindku iddiskuta li jekk għandu jitla' Cassino sabiex isaħħaħ il-ġemelaġġ ta' bejn Cassino u L-Isla, għalhekk il-kunsill għandu jibgħat imejl sabiex jara jekk l-akkomodazzjoni u l-flights hux ser jitħallsu mill-muniċipalita' ta' Cassino. Il-Kunsilliera qablu li għandu jmur is-Sindku u kunsillier responsabbli mill-ġemelaġġi kif ukoll s-segretarju eżekuttiv. |
| 02.03.16 | Is-Segretarju Eżekuttiv flimkien mas-sindku ikkomunikaw li tenders tal-Bulky, u tal-kenniesa ser jagħlqu għalhekk ser jinħarġu fuq l-EPPS mas-sur Romario Brignone u tal-Contracts Manager ser tinħareġ kwotazzjoni. Trid tinħareġ tender ukoll dwar cctv sabiex jiġu utilizati l-fondi li l-kunsill akkwista mill-applikazzjoni tal-LESA. |
| 02.03.17 | Is-Sindku informa lil kunsilliera preżenti li l-permessi tal-festa u tar-regatta jibqa kollox bħas-snin ta' qabel. Il-Kunsilliera preżenti qablu unanimament. |
| 02.03.18 | Is-Sindku informa lil kunsilliera preżenti li l-fondi li ingħataw lil kunsill lokali tal-Isla għall-attivita tal-ħġejjeġ ingħataw tard għalhekk l-attivita tal-ħġejjeġ ma saritx, pero il-kunsill jista jutilliża dawn il-fondi għall-attivita oħra, għalhekk qed jiproponi li issir attivita tal-Milied fl-1 ta' Diċembru bi programm mimli bħal: *Story Telling, Physical Challenges, Puppet Shows, Inflatable Structures, Kiddie Rides, Dance Along sessions, Toddlers Area, Mascots, Quiz Show, Obstacle Course, Annimal Petting, Donkey Rides, Jumparound arts* u Krafts. Is-Sindku iddiskuta li jekk jaqblu ma din l-attivita il-kunsill jagħmel laqgħa mal-organiżżatur. |
| 02.03.19 | Is-Sindku ikkomunika li fis-17 t' Awissu huwa mistieden għall-festival ta' Zarasai. Is-Sindku staqsa min jista jmur miegħu iżda, il-kunsilliera Joeline Attard u l-kunsilliera Corinne Buhagiar ma jistgħux imorru għal din l-istedina ġewwa Zarasai Lituania. |

| | |
|---|---|
| 02.03.20 | Is-Sindku ressaq imejl mibgħuta minn għand il-kunsilliera Corinne Buhagiar sabiex tistaqsi jekk il-kunsill tal-Isla jistax jerġa jieħu sehem fil-proġett Waste Reduction 2024 mal-iskola Primarja. Is-Sindku flimkien mal-kunsilliera preżenti approvaw li l-kunsilliera tieħu ħsieb din l-attivita mal-kap tal-iskola u tibgħatilha imejl sabiex tinforma lil-kap tal-iskola. |
| 02.03.21 | Is-Sindku informa lil kunsilliera preżenti li l-MTA qed jaqilgħu il-bankijiet erbgħa, erbgħa sabiex jirestawrawhom u jerġgħu jiżbħuhom kif kienu. Il-Kunsill jixtri l-materjal u l-ħaddiema tagħħhom jistgħu jagħmlu l-ħadid għal quddiem il-kurċifiss. |
| 02.03.22 | Is-Sindku qed jippropona li l-kunsill jixtri żewġ fanali antiki sabiex issiru fil-ġenb tat-Triq il-Vitorja bħala prova ( sample )sabiex naraw kif jidher id-dawl fit-triq jekk ma jkunx dawl biżejjed għat-triq jew iddejqu id-djar tan-nies dawn il-fanali jinqalgħu u jitwaħħlu f'toroq oħra. Il-Kunsilliera preżenti approvaw din il-proposta. |
| **02.04** | **Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera** |
| 02.04.01 | Is-Sindku / Segretarju Eżekuttiv<br>Kunsill Lokali Isla<br>2/4, Triq San Gużepp<br>Isla<br><br>Jiena Malcom Gatt nixtieq insaqsi lis-sindku / segretarju eżekuttiv jekk jistax issir tip tar-railing fin-niżla ta' Triq il-Miġja tal-Papa ? Kif ukoll hemm tarġa nieqsa li meta ħadem il-kuntratur fi Triq is-Sur baqgħet ma saritx. Jista' l-Kunsill jagħmel din it-tarġa nieqsa bil-konkos.<br><br>Is-Sindku irrisponda li ser ikellem lil-ħadid sabiex jara jistax issir xi tip ta' poġġaman u ser immur Triq is-Sur sabiex jara tistax issir din it-tarġa. |
| 02.04.02 | Is-Sindku / Segretarju Eżekuttiv<br>Kunsill Lokali Isla<br>2/4, Triq San Gużepp<br>Isla<br><br>Jiena Corinne Buhagiar nixtieq insaqsi lis-sindku / segretarju eżekuttiv jekk jistgħux issiru bollards temporanji għaż-żmien tas-Sajf quddiem il-kurċifiss fejn hemm il-bankijiet għaliex qed jipparkjaw il-karozzi fuq il-bankina. |

| | |
|---|---|
| | Wara diskusjoni mal-kunsilliera ġie deċiz li issir channels u katina min bejn waħda u oħra. |
| 02.04.03 | Is-Sindku / Segretarju Eżekuttiv<br>Kunsill Lokali Isla<br>2/4, Triq San Gużepp<br>Isla<br><br>Jiena Corinne Buhagiar nixtieq insaqsi lis-sindku / segretarju eżekuttiv jekk li statwa ta' San Pietru u San Pawl tistax tiġi restawrata u ngħaddu imejl lil Fondazzjoni Kottonera.<br><br>Is-sindku wieġeb li diġa informa lill-Fondazzjoni Kottonera permezz ta' imejl data 26 ta' Lulju 2024 lic-chairman Joe Mizzi. |
| 02.04.04 | Is-Sindku / Segretarju Eżekuttiv<br>Kunsill Lokali Isla<br>2/4, Triq San Gużepp<br>Isla<br><br>Jiena Anthony Bonavia nixtieq insaqsi lis-sindku / segretarju eżekuttiv jekk is-sinjali tal-parking jistgħux issiru sħaħ u mhux fit-trufijiet biss.<br><br>Is-Sindku irrisponda li issa skond il-liġi l-ġdida tat-TM hekk irridu jsiru għaliex diġa staqsa lil-perit tal-Infrasturcutre Malta. |
| 02.04.05 | Is-Sindku / Segretarju Eżekuttiv<br>Kunsill Lokali Isla<br>2/4, Triq San Gużepp<br>Isla<br><br>Jiena Joeline Attard nixtieq insaqsi lis-sindku / segretarju eżekuttiv jekk il-bankijiet tax-xatt jistgħux jitressqu sabiex jiġu utilizzati mir-residenti għaliex qed jiġu utilizzati minn ma tal-ħwienet ?<br><br>Is-Sindku informa lil kunsilliera li tal-ħwienet għandhom għaqda sabiex jirregolarizzaw ir-regolamenti tal-imwejjed u s-siġġijiet ta' max-xatt. Din għandha tiġi mgħoddija lil MTA. |

| | |
|---|---|
| **02.05** | **Rapporti** |
| 02.05.01 | Is-Segretrju Eżekuttiv resqgħet ir-rapport tal-finanzi tat-tieni kwart fejn ġie approvat mis-Sa Joeline Attard u ġie is-sekondat mis-Sa. Corinne Buhagiar |
| 02.05.02 | Is-Segretarju Eżekuttiv bagħtet b'imejl rapporti tal-*Purchase Order* ta' Ġunju 2024 u l-petty cash ta' Ġunju 2024 fejn ġew approvati mill-Viċi Sindku is-Sur Anthony Bonavia u s-sekondati mill- kunsilliera is-Sinj. Corinne Buhagiar. |
| **02.06** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti** |
| 02.06.01 | Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat l-iskeda numru 7/2024 (1/2024) għal-għaxar leġislatura fejn intbgħatet permezz ta' imejl lil kunsilliera kollha u l-pagamenti ġew approvati mill-viċi sindku is-Sur Anthony Bonavia u s-sekondati mill- kunsilliera is-Sinj. Corinne Buhagiar. |
| **02.07** | **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.** |
| 02.07.01 | Is-Seduta ntemmet wara li ġiet eżawrita l-aġenda u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 27 t' Awissu 2024 fl-4:30pm |

Konfermati, illum 27 t' Awissu 2024

IFFIRMATI__________
Clive Pulis
Sindku

IFFIRMATI_______
Graziella Gellel
Segretarju Eżekuttiv